# Jum dinji għad-drittijiet tal-konsumatur 15 ta' Marzu, 2000

> "Il-konsumaturi sabu ma' wiċċhom problemi speċjali fosthom nuqqas ta' taħriġ tekniku u faċilitajiet biex isiru jafu x'fihom il-prodotti li qed jixtru"



JOYCE BORG DPA, MICA, *hija uffiċċjal Prinċipali fid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur*

Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur huwa okkażjoni ta' solidarjetà u ċelebrazzjoni li ssir kull sena mill-moviment dinji tal-konsumatur biex ifakkar d-dikjarazzjoni storika ta' l-ewwel erba' drittijiet bażiċi tal-konsumatur u li matul iż-żmien saru tmienja. Għaliex inħasset il-ħtieġa li l-Moviment tal-Konsumatur jikber mad-dinja kollha?

Fl-aħħar snin ix-xjenza u l-industrija żviluppaw eluf ta' prodotti li huma komplessi. B'hekk il-konsumaturi sabu ma' wiċċhom problemi speċjali fosthom nuqqas ta' taħriġ tekniku u faċilitajiet biex isiru jafu x'fihom il-prodotti li qed jixtru. Il-metodi moderni ta' bejgħ minn nies imħarrġa apposta biex ibiegħu l-prodotti tagħhom qed ikomplu jħawdu l-konsumatur. L-għadd kbir ta' prodotti ta' kull kwalità; tip; u għamla li nsibu f'suq liberalizzat toffri wkoll ċerti diffikultajiet fin-nuqqas ta' informazzjoni korretta dwar prodotti u servizzi. F'dan ix-xenarju kkomplikat it-tmin drittijiet bażiċi joffru l-protezzjoni. Wieħed mill-ewwel drittijiet li ssemma kien id-Dritt għas-Sigurtà. Dan ifisser li l-konsumatur għandu jkun imħares minn prodotti, mezzi ta' produzzjoni u servizzi biex dawn ma jkunux ta' periklu għas-saħħa jew għall-ħajja. Għal dan il-għan fil-futur qrib se tidħol il-liġi magħrufa aħjar bħala *General Product Safety* fejn kull prodott li jkun hawn fis-suq ma jkunx ta' periklu għall-konsumatur.

Id-Dritt għall-Informazzjoni huwa dritt tal-konsumatur biex jasal għall-aħjar deċiżjoni dwar l-għażla tiegħu. Il-konsumatur għandu wkoll id-Dritt għall-Għażla minn sensiela ta' prodotti u servizzi li jiġu offruti għall-bejgħ bi prezzijiet kompetittivi u ta' kwalità sodisfaċenti. Dan id-dritt twettaq bis-sħiħ f'pajjiżna bil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ li bdiet fil-bidu tad-disgħinijiet tas-seklu li għadu kif spiċċa. Id-Dritt għall-Kumpens ġie ssiġġillat f'pajjiżna meta għadda fil-Parlament Malti, nhar is-17 ta' Novembru, 1994, l-Att 28 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. B'dan l-Att twaqqaf id-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur, kif ukoll it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fejn il-konsumatur Malti seta' jmur għax qabel ma kellu mkien fejn jirrikorri dwar l-ilmenti tiegħu biex jieħu l-kumpens mistħoqq. Id-Dritt għar-Rappreżentazzjoni li sfortunatament mhux popolari mal-Maltin huwa d-Dritt li jinstema'. Bħala poplu nippreferu noqogħdu ngorru bejnietna dwar l-affarijiet li jolqtuna u ma norganizzawx ruħna f'għaqdiet tal-konsumaturi li permezz tagħhom nistgħu nagħmlu proposti jew xi tibdil f'miżuri li jolqtuna bħala konsumaturi.




*Xbieha bla kulur tal-poster intużat mid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur biex jirreklama l-attività tal-familja organizzata fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Konsumatur*

Id-Dritt għal Ambjent b'Saħħtu biex ngħixu u naħdmu f'ambjent li ma jkunx ta' periklu għall-bniedem. X'jiswa li jkollna l-kumdità kollha jekk per eżempju n-nifs li nieħdu jkun imniġġes. Id-Dritt għall-Aċċess tal-Bżonnijiet Bażiċi, fejn kemm f'pajjiżi tat-tielet dinja kif ukoll soċjetajiet avvanżati hawn nies neqsin minn dawn il-bżonnijiet li jagħmlu ħajjitna diċenti, bħan-nutriment; l-edukazzjoni; il-kura primarja; eċċ.

Id-Dritt għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur, li għalkemm saret ħidma kbira f'dan il-qasam mid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur, il-ħtieġa ilha tinħass biex din l-edukazzjoni ssir fl-iskejjel matul il-ħajja skolastika ta' l-istudent permezz ta' l-introduzzjoni ta' dan is-suġġett fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. B'hekk inkunu qed inrawmu ġenerazzjoni ta' konsumaturi infurmati dwar drittijiethom u dmirijiethom.

Dan huwa messaġġ bi ħlas